MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tas-6 ta' Dicembru, 2005

Citazzjoni Numru. 141/2005

**Mario u Joan konjuġi MIZZI**

**vs**

**Concetta u żewġha Dennis CHARLES għal kull interess li jista' jkollu**

**Il-Qorti:**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni mressaq fis-7 ta' Frar 2005 li bih l-atturi wara li premettew;

Illi permezz ta' skrittura privata (Dok.MM1) datata s-sitta u għoxrin (26) ta' Marzu 2001, l-atturi daħlu fi ftehim mal-konvenuta Concetta Charles sabiex l-istess konvenuta tippresta s-servizzi tagħha sabiex tgħin lill-atturi fi proċeduri ta' adozzjoni ta' tifla mill-Pakistan versu korrispettiv globali ta' ħamest elef u ħames mitt Lira Maltin (Lm5,500), liema somma tħallset f'żewġ pagamenti (Dok.MM1 u MM2);

Illi fi stadju sussegwenti l-konvenuta talbet ħlas ulterjuri ta’ ħames mitt Lira Maltin (Lm500), liema ħlas sar ukoll (Dok.MM3);

Illi l-konvenuta ġiet awtorizzata wkoll sabiex taġixxi f’isem u in rappreżentanza ta’ l-atturi;

Illi l-konvenuta sallum ma eżegwietx kwantu minnha promess, u rriżulta lill-atturi li effettivament m’hijiex f’pożizzjoni li tagħmel dan;

Illi debitament interpellata sabiex tirrifondi lill-atturi kwantu minnhom imħallas l-istess konvenuta baqgħet inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Għaldaqstant l-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti, għaliex m’għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi;

1. Tiddikjara lill-konvenuta inadempjenti fl-obbligi minnha assunti permezz ta’ l-iskrittura tas-26 ta’ Marzu 2001 esebita bħala “Dok. MM1” u tiddikjara terminat għall-finijiet u l-effetti kollha tal-Liġi kull mandat mogħti mill-atturi lill-konvenuta; u

2. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom jirrifondu lill-atturi s-somma ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) imħallsa lill-konvenuta għall-finijiet premessi;

Bl-imgħax u bl-ispejjeż legali, inklużi dawk tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 91/2005 fl-istess ismijiet, bil-konvenuti msejjħa minn issa in subizzjoni, u bir-riżerva għal kull azzjoni ulterjuri skond il-Liġi.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta’ l-atturi;

Rat illi ċ-ċitazzjoni ġiet debitament notifikata lill-konvenuti li naqsu li jippreżentaw nota ta’ eċċezzjonijiet u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda ta’ l-atturi;

Semgħet l-Avukat ta’ l-atturi;

Eżaminat l-atti tal-kawża;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fiċ-ċitazzjoni jirriżultaw pruvati.

Fil-kontumaċja tal-konvenuti tiddeċiedi billi;

**Tilqa’ l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrka Concetta Charles naqset mill-obbligi li daħlet għalihom fil-ftehim li sar bejnha u l-atturi fis-26 ta’ Marzu, 2001, u għalhekk tiddikjara mitmum l-imsemmi ftehim, magħdud miegħu kull mandat minnhom lilha mogħti;

**Tilqa’ t-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, li jħallsu lura lill-atturi s-somma ta’ sitt elef Lira Maltija (Lm6,000) li l-istess atturi kienu avvanzaw fl-okkażjoni tal-imsemmi ftehim;

**Tikkundanna** lill-imħarrkin iħallsu l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma b’effett mill-24 ta’ Frar, 2005, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------